MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 338/2013

**Il-Pulizija**
**v.**
**Carmel Polidano**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Carmel Polidano, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 506259M, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-kapaċita` tiegħu ta' direttur u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta` Polidano Brothers Limited (C8884) u Polidano Properties Limited (C30014), bejn it-2 ta' Marzu 2012 u fil-ġimgħat u x-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin b'risoluzzjoni waħda u fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, f'Sqaq Nru. 1, Triq il-Kbira, Balzan u f'57, Main Street, Balzan:

(1) waqqa' jew ipprova jwaqqa`, qata jew ipprova jaqta`, neħħa jew ipprova jneħħi l-qoxra taz-zokk tas-siġra jew weraq tagħha, jaqla' jew jipprova jaqla', jneħħi jew jipprova jneħħi injam, waħħal jew ipprova jwaħħal xi ħaġa

ma’, jew b’xi mod qered jew ipprova jeqred, għamel ħsara jew ipprova jagħmel ħsara lil xi siġra jew lil xi parti minnha li hija elenkata fi Skeda II li tinsab ma’ dawn ir-regolamenti, u dan bi ksur tar-regolament 12 tal-Avviż Legali tal-2011 (Regolamenti dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar);

(2) ħatt jew qiegħed f’periklu b’kull mezz li jkun, l-istabbilita’ u s-sħuħija ta’ xi ħajt tas-sejjieħ jew ta’ xi kostruzzjoni, struttura jew fond rurali, jew li ma ħalliex l-ilma tax-xita jgħaddi ġieri minn ġol-binja tal-ħajt tas-sejjieħ, jew li immina s-sisien ta’ xi ħajt tas-sejjieħ jew kostruzzjoni, struttura jew fond rurali u dan bi skur tas-sub- regolament 2 tar-Regolament 5 tal-Avviż Legali 160 tal-1997 (Regolamenti dwar Ħitan tas-Sejjieħ u Strutturi Rurali – Konservazzjoni u Manutenzjoni);

(3) wara li ġie notifikat b’avviż biex tieqaf u ta’ twettiq, naqqas milli jħares xi waħda mill-ħtiġijiet ta’ dak l-avviż fiż-żmien speċifikat fih, u dan bi ksur tal-artikolu 56(1)(c) tal-Kap 356 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikolu 94(1)(c) tal-Kap-504 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(4) mexa bi ksur ta’ xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 81 u 82 fir-rigward ta’ xi proprjeta` skedata, jew ordni ta’ emerġenza għall-konservazzjoni;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tat-3 ta’ Lulju 2013 fejn il-Qorti, wara li rat l-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, ir-regolament 6 tal-Avviż Legali 12 tal-2001 (LS 504.16), ir-regolament 5(2) tal-Avviż Legali 160 tal-1997, l-artikolu 56(1)(c) tal-Kap 356 u l-artikoli 81, 82 u 94(1)(b) u (c) tal-Kap 504 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Carmel Polidano ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, u bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu multa ta’ mitt elf Euro (€100,000). Il-Qorti inoltre ordnat lill-istess Carmel Polidano, ai termini tal-artikolu 94(2) tal-Kap. 504, sabiex fi zmien tliet xhur mid-data tas-sentenza appellata, jottempera ruħu mal-ordni ta’ emerġenza għall-konservazzjoni maħruġa lilu fit-12 ta’ Lulju 2011, kif ukoll

jottempera ruħu mal-avviż ta' twettiq datat 21 ta' Frar 2012, taħt penali ta' mija u tletin Ewro għal kull jum li tali nuqqas ikompli jippersisti;
**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Carmel Polidano ppreżentat fit-12 ta' Lulju 2013 fejn talab li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara s-sentenza appellata nulla u tiddisponi minn dan l-appell skond din id-dikjarazzjoni. Alternattivament u mingħajr preġudizzju, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabitu ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u minflok tiddikjarah mhux ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u tilliberah kompletament skond il-liġi. Alternattivament u mingħajr preġudizzju għat-talbiet preċedenti, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi timponi sanzjoni aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi;
**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni dwar l-ewwel żewġ aggravji ta' l-appellant; ikkunsidrat:
**5.** Permezz ta' l-ewwel aggravju tiegħu l-appellant isostni illi l-proċeduri li saru quddiem l-Ewwel Qorti huma nulli għax tmexxew minn persuna privata li la kienet membru tal-Korp tal-Pulizija u wisq inqas kellha xi inkarigu mogħti lilha mill-MEPA. Jgħid li jirriżulta ampjament li l-prosekuzzjoni tmexxiet u d-domandi kollha tal-prosekuzzjoni saru minn Dr. Reuben Farrugia LL.D. L-appellant jgħid:

"i. Jiġi rilevat illi dawn ma humiex proċeduri fejn il-pulizija għandha bżonn il-kwerela tal-parti biex tmexxi;

"ii. Illi mkien mill-atti ma jirriżulta li l-avukat Dr. Reuben Farrugia ġie ammess bħala *parte civile*. Wieħed ma jistax jifhem l-irwol tal-avukat Dr. Rueben Farrugia f'dawn il-proċeduri;

"iii. Jirriżulta mill-atti li d-domandi kollha lix-xhieda prodotti da parti tal-prosekuzzjoni saru mill-istess imsemmi avukat;

"Dato ma non concesso li wieħed seta' jikkunsidra lil Dr. Reuben Farrugia LL.D. bħala *parte civile* xorta waħda ma

setax jagħmel id-domandi lix-xhieda prodotti. Bħala *parte civile* wieħed għandu d-dritt li jagħmel sottomissjonijiet li ma jistgħux ikunu la fuq piena u anqas jista' jagħmel l-eżami tax-xhieda."

**6.** Fis-seduta ta' l-10 ta' Ottubru 2012 ġie verbalizzat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, *inter alia*, hekk: "Deher Dr. R. Farrugia għall-parte leża". Fis-seduti l-oħra kollha mbagħad, salv dik tat-13 ta' Frar 2013, ġie verbalizzat li deher Dr. Reuben Farrugia. Għas-seduta tat-13 ta' Frar 2013 fil-fatt ġie verbalizzat: "Deher rappreżentant għall-*parte civile*." Għal dik is-seduta Dr. Farrugia kien ippreżenta rikors fit-8 ta' Frar 2013 fejn iddikjara li "huwa parti leża mal-prosekuzzjoni" u talab differiment peress illi kien se jkun imsiefer fit-13 ta' Frar 2013. Għal din is-seduta jirriżulta mill-verbal li lanqas l-appellant (allura imputat) ma attenda. Fl-aħħar seduta qabel ma l-kawża tħalliet għas-sentenza, dik tas-26 ta' Ġunju 2013, ġie verbalizzat biss li saret it-trattazzjoni. Mill-atti ma jirriżultax il-grad ta' parteċipazzjoni ta' l-Avukat Farrugia fl-eżami jew kontro-eżami tax-xhieda u fit-trattazzjoni. Bħalma lanqas ma jirriżulta mill-atti xi verbal fejn ġiet reġistrata l-oppożizzjoni tad-difiża għas-sehem li seta' kien qiegħed jieħu l-imsemmi Avukat Farrugia.

**7.** Issa, m'hemmx dubju li r-reati li bihom jinsab akkużat l-imputat ma jeħtiġux il-kwerela tal-parti. U l-imputat mhuwiex akkużat li kkaġuna xi ħsara fil-proprjeta` ta' l-Avukat Farrugia. Mill-banda l-oħra jidher illi l-art li fiha saru l-allegati ħsarat tmiss mal-proprjeta` ta' l-imsemmi Avukat Farrugia li allura *prima facie* għandu interess li jara li ma ssirx ħsara lill-proprjeta` tiegħu. Evidentement l-Ewwel Qorti aċċettat lill-Avukat Farrugia bħala parti leża u, bħala tali, skond l-artikolu 410(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta: "Fil-każijiet ta' proċeduri magħmulin mill-Pulizija *ex officio*, il-Pulizija u l-parti offiża jistgħu jkunu assistiti minn avukat jew prokuratur legali, illi jista' jagħmel eżami u kontro-eżami lix-xhieda, iġib provi u jagħmel, sabiex isaħħaħ l-akkuża, kull osservazzjoni oħra li l-qorti jidhrilha li tista' ssir skont il-liġi." Jekk il-parti leża huwa avukat, jista' jagħmel dan kollu personalment. Kif jidher mill-imsemmi

artikolu, anke l-Pulizija jistgħu jkunu assistiti minn avukat jew prokuratur legali.

**8.** Fil-fehma ta' din il-Qorti, għalhekk, ma jidher illi ma seħħ xejn li minħabba fih għandhom jiġu annullati l-proċeduri li saru quddiem l-Ewwel Qorti. Wara kollox l-appellant kien dejjem debitament assistit mill-avukat tiegħu sabiex iwettaq id-difiża tiegħu kif dehrlu xieraq. Għaldaqstant l-ewwel aggravju qiegħed jiġi respint.

**9.** Kwantu għat-tieni aggravju, l-appellant isostni illi s-sentenza hija nulla peress illi ma fihiex ir-raġunijiet għas-sejbien ta' ħtija. Huwa jgħid:

"In sintesi s-sentenza tista' tiġi miġbura f'dikjarazzjoni spontaneja tal-ewwel Onorabbli Qorti a favur il-ħarsien tal-ambjent, li għalkemm wieħed ċertament jaqbel magħha bir-rispett ma tikkostitwix raġunijiet ai fini u l-effetti tal-liġi. Imkien fis-sentenza m'hemm stħarriġ tal-provi mressqa mid-difiża u wisq inqas deliberazzjoni dwar l-eċċezzjonijiet u d-difiżi kollha mqajjma mill-esponent. Huwa minnu li fi proċeduri sommarji mhix rikjesta r-rigorożita` proċedurali li hija stabbilita fi proċeduri penali oħra, pero` 'is-sentenza' *de quo* bir-rispett jiġi sottomess li hija estremament ekonomika, sibiljana w skarna għal dak li jirrigwarda r-raġunijiet."

**10.** L-ewwelnett huma rilevanti għal din il-vertenza l-artikoli 382 u 662(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-artikolu 382 jipprovdi: **" Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."** Jiġifieri għall-validita` huwa suffiċjenti illi sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ssemmi l-fatti (ossia l-imputazzjonijiet) li tagħhom persuna tkun instabet ħatja, il-piena u l-artikoli li jikkontempaw ir-reati li tagħhom persuna tkun instabet ħatja. Minn dan l-Ewwel Qorti ma tippekkax fis-sentenza appellata peress illi tikkontjeni dawn l-elementi kollha. Imbagħad l-artikolu 662(2) jipprovdi: **"Kull deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Qorti Kriminali li biha tiġi deċiża**

**kwistjoni ta' liġi, għandu jkun fiha qabel kollox ir-raġunijiet li jkunu wasslu l-qorti għal dik id-deċiżjoni".** Jiġifieri sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati li ma ssemmix ir-raġunijiet li wassluha għad-deċiżjoni tagħha ma titqiesx nulla. Naturalment huwa dejjem rakkomandabbli li jissemmew almenu minimu ta' raġunijiet, iżda n-nuqqas tagħhom ma jwassalx għan-nullita` tas-sentenza. Fil-każ in eżami l-Ewwel Qorti fil-fatt tat raġunijiet li wassluha għas-sejbien ta' ħtija, u cioe` billi semmiet dak li rriżultalha mill-provi tal-prosekuzzjoni in sostenn ta' l-imputazzjonijiet u n-nuqqas ta' provi li kienu jikkontradiċu l-provi tal-prosekuzzjoni. L-unika prova li ressaq l-appellant kienet kopja ta' kuntratt, u anke hawn l-Ewwel Qorti ħadet konjizzjoni tagħha, kif jirriżulta mis-sentenza stess. L-Ewwel Qorti tat ukoll raġunijiet li wassluha tagħti l-piena li ddeċidiet li tinfliġġi fuq l-appellant. Konsegwentement it-tieni aggravju huwa miċħud ukoll.

**11.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-ewwel żewġ aggravji ta' l-appellant u tordna l-prosegwiment tas-smiegħ ta' l-appell.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------